MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 953/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Glaxo Group Limited.**

**vs.**

**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Davina Sullivan li b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju Bank Al Baraka D'Algerie u EURL CLIPER ALGERIE IMP EXP ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Glaxo Group

Limited datat 22 ta’ Settembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn l-istess Avukat Dr. Peter Fenech bil-karta tal-identita’ numru 67468M bil-gurament tieghu jiddikjara li huwa jaf is-segwenti fatti personalment u espona:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Glaxo Group Limited ta’ 980, Great West Road, Brentford, TW89GS, l-Inghilterra, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tas-segwenti drittijiet : dak registrat fl-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejha ‘AQUAFRESH’, liema dritt gie registrat f’Malta fl-erbatax (14) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 27038 (Dok ‘GSK 1’); u dawk registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma ‘AQUAFRESH’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-ghoxrin (20) ta’ April 2001 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 001144757 (Dok ‘GSK 2’) u l-istess kelma ‘AQUAFRESH’ li gie registrat it-tieni darba l-ewwel (1) ta’ Marzu 2005 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 003254364 (Dok ‘GSK 3’).

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TRLU 725848 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LA MARTINE liema vapur kien gej minn Yantian, Cina fi triqtu lejn Alger, Algeria u l- *container* kien fih total ta’ mija tlieta u disghin elf u tmien mija u erba u ghoxrin (193,824) *toothpaste* (Dok GSK4) kollha bil-marka ‘AQUAFRESH’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali.

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-

rilaxx tal-container bin-numru CMAU 5349076 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq l-istess vapur CMA CGM LA MARTINE liema vapur kien gej minn Yantian, Cina fi triqtu lejn Alger, Algeria u l-*container* kien fih total ta' mitejn u erbgha t'elef u erbgha mija u tmenin (204,480) *toothpaste* (Dok 'GSK 5') kollha bil-marka 'AQUAFRESH', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Glaxo Group Limited gewwa l-Germanja, fejn gie determinat li dawn it-*toothpastes* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Glaxo Group Limited, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Glaxo Group Limited riprodotti fuq l-istess *toothpastes* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Glaxo Group Limited u r-rapport tal-istess ser jigi pprezentat fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din-it-talba li jinzammu dawn l-*toothpastes*.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa 'Bank Al Baraka D'Algerie' minn Alger, Algeria u n-*Notify Party* huwa 'EURL CLIPER ALGERIE IMP EXP' minn Alger, Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru SHZ0994372 (Dok 'GSK 6').

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap. 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbu lis-socjetjiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'total ta' tliet mija u tmienja u disghin elf u tliet mija u erbgha (398,304) *toothpastes* imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'AQUAFRESH', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri TRLU 7235848 u CMAU 5349076 kontenenti l-imsemmija *toothpastes*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'AQUAFRESH' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27038, CTM 001144757 u CTM 003254364 (Dok 'GSK 1', 'GSK 2' u 'GSK 3').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *toothpastes* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-*toothpastes*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *toothpastes* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *toothpastes*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3 u 4) id-dokument esebiti u mmarkati bhala Dok. “GSK 1” sa Dok “GSK 6” kif jidhru minn fol. 5 sa fol. 16 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Dicembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-10 ta’ Marzu 2011, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 2 ta’ Frar 2011 (fol.50) fejn esponew:-

1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

2. Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi a fol. 51 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata 25 ta’ Frar 2011 a fol. 53 tal-process li biha esebixxa tliet (3) dokumenti:- Dok “A” affidavit ta’ Dr. Peter Fenech; Dok “B” affidavit ta’ George Agius (fol 55); u Dok “C” rapporti tas-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Marzu 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tas-segwenti drittijiet : dak registrat fl-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'AQUAFRESH', liema dritt gie registrat f'Malta fl-erbatax (14) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 27038 (Dok 'GSK 1'); u dawk registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'AQUAFRESH', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-ghoxrin (20) ta' April 2001 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 001144757 (Dok 'GSK 2') u l-istess kelma 'AQUAFRESH' li gie registrat it-tieni darba l-ewwel (1) ta' Marzu 2005 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 003254364 (Dok 'GSK 3').

Illi fl-24 ta' Awwissu 2010 r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5349076 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq l-istess vapur CMA CGM LA MARTINE liema vapur kien gej minn Yantian, Cina fi triqtu lejn Alger, Algeria u l-*container* kien fih total ta' 204,480 *toothpaste* (Dok. 'GSK 5') kollha bil-marka 'AQUAFRESH', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellettwali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li minn analizi tal-istess kampjuni mehuda mill-istess konsenja u ezaminati mis-socjeta' attrici jirrizulta li filfatt l-istess oggetti huma attwalment kontrafatti u dwar dan issir riferenza ghar-rapport esebit mis-socjeta' attrici (Dok. "C"), u wkoll gie ppruvat li l-intimat huma ndikati bhala l-konsennatarji u n-notify party fuq il-polza ta' karigu relattiva, filwaqt li l-ufficjal tad-Dwana George Agius ikkonferma fl-affidavit tieghu li l-ufficjali tad-Dwana zammu l-istess oggetti fuq suspett li l-istess huma kontrafatti (Dok "B" - fol 55) u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-

verita' lanqas huma kontestati u ghalhek it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'total ta' 398,304 *toothpastes* imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'AQUAFRESH', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri TRLU 7235848 u CMAU 5349076 kontenenti l-imsemmija *toothpastes*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'AQUAFRESH' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27038, CTM 001144757 u CTM 003254364 (Dok 'GSK 1', 'GSK 2' u 'GSK 3').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti konsistenti f'*toothpastes* fuq indikati, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati konsegwenza ta ' dak deciz f'din id-decizjoni, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *toothpastes* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *toothpastes*.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------